# Diskors mill-Onorevoli Anton Tabone

# Speaker tal-Kamra tad-Deputati

# Parlament ta' Malta

# fl-okkażjoni tal-kommemorazzjoni

# tas-*SETTE GIUGNO*

**L-Erbgħa, 7 ta' Ġunju 2000**

Dan hu l-jum u din is-siegħa;
Issir l-għaqda, isir il-patt;
'Kk ma taqbdux fil-ħarba tiegħu,
Dan iż-żmien ma jerġa' qatt.
Dun Karm

Hija ħaġa ta' min ifaħħarha li ta' kull sena nfakkru solennement il-ġrajjiet glorjużi tas-*Sette Giugno*. Fl-epopea ta' pajjiżna ftit huma l-annali li jqanqlu daqshekk emozzjoni fil-memorja kollettiva tal-Maltin.

It-tifkira tas-*Sette Giugno* hija l-ewwel nett tifkira ta' kif il-vittmi taw demmhom għal Malta, ċta' kif offrew is-sagrifiċċju estrem fuq l-artal tal-patrija. Nies komuni ta' ebda pretensjoni jew ambizzjoni mietu biex pajjiżhom jakkwista l-libertà. Tkun verament ħasra u ta' mistħija nazzjonali jekk xi darba ninsewhom.

Iżda t-tifkira tas-*Sette Giugno* għandha wkoll tifsira kbira nazzjonali għaliex l-istess episodju mmarka wkoll pass 'il quddiem fil-mixja kostituzzjonali ta' Malta li aħna l-Parlamentari u l-Maltin u l-Għawdxin kollha qed ingawdu minnha llum.

Il-Parlament Malti, li ta' kull sena jfakkar denjament dan l-episodju, jaf it-tnissil tiegħu wkoll għall-avveniment kbir li ntiseġ mal-episodju tas-*Sette Giugno*. Huwa tajjeb li nfakkru għax donnu qatt ma tajna l-ġieħ li jixraq lill-Assemblea Nazzjonali li fl-1919 fetħet it-triq għall-Kostituzzjoni rappreżentattiva li rriżultat fl-ewwel Parlament Malti.

Is-*Sette Giugno* u l-Assemblea Nazzjonali huma magħquda flimkien mhux biss għax it-tnejn mexxewna 'l quddiem kostituzzjonalment, iżda għaliex l-istorja tagħhom kif minsuġa tgħaqqadhom.

L-hekk imsejħa Assemblea Nazzjonali kienet frott ta' inizjattiva li ħa Dott. Filippo Sceberras f'Novembru 1918, meta kiteb ittra fil-ġurnal "Malta" jistieden lill-korpi kostitwiti kollha ta' dak iż-żmien jibagħtu rappreżentant biex tiġi formulata petizzjoni popolari għal-libertajiet ta' Malta. Bejn Novembru 1918 u Frar 1919 kull għaqda f'Malta qablet li tibgħat din ir-rappreżentanza.

L-ewwel seduta saret fil-25 ta' Frar tal-1919 u fost il-ħafna delegati kien hemm numru ġmielu ta' nies li 'l quddiem kellhom ikollhom parti attiva ħafna fl-istorja politika ta' Malta. Biżżejjed ngħid li sitt persuni li 'l quddiem kellhom ikunu l-ewwel sitt Prim Ministri ta' Malta kienu jirrappreżentaw xi għaqda jew oħra f'din l-Assemblea. Dawn kienu Ġużè Howard, Ugo Mifsud, Francesco Buhagiar, Gerald Strickland, Pawlu Boffa u Nerik Mizzi. F'dik il-laqgħa tal-25 ta' Frar, 1919 ġiet ivvotata riżoluzzjoni li kienet titlob forma ta' Gvern b'awtonomija sħiħa politika u amministrattiva. Kien l-ewwel pass lejn forma ta' emanċipazzjoni kostituzzjonali.

It-tieni seduta tal-Assemblea Nazzjonali saret fis-7 ta' Ġunju, 1919, proprju fis-*Sette Giugno*. Kienet ġurnata tas-Sibt fl-4.00 p.m. fis-sede ta' "*La Giovane Malta*" meta l-President tagħha, Dott. Filippo Sceberras, ta bidu għas-seduta. Din il-laqgħa aktarx twila kkonċentrat fuq

abbozz ta' riżoluzzjoni li fost affarijiet oħra kellha taħtar kummissjoni minn ħdan l-Assemblea biex tabbozza Kostituzzjoni għal Malta. F'daqqa waħda l-Assemblea Nazzjonali tbiddlet f'Assemblea Kostitwenti.

Iżda waqt id-dibattitu bdew jiġru affarijiet li taw lok għal dak li baqa' jissemma bħala s-*Sette Giugno*. Naħseb li flok il-kliem fqajrin tiegħi nħalli d-deskrizzjoni ta' din il-ġrajja f'idejn min kien preżenti u eventwalment kiteb il-Minuti tal-laqgħa xhud okulari ta' din il-ġrajja storika. Dan kien Ugo Mifsud. Biex ma ntellef xejn mill-effett se nirrepetihom bil-lingwa li nkitbu biha, it-Taljan. Waqt li wieħed mid-delegati kien qed jipprova jitkellem: "*giungono nella sala vaghi rapporti di luttuosi avvenimenti che si svolgono per le vie della Valletta.".*

Il-laqgħa spiċċat iżda mhux qabel ma nqala' inċident drammatiku meta nġieb fis-sala wieħed ferut. Jingħad li xi ħadd għolla maktur imċappas bid-demm ta' din il-vittma u għajjat: "Din hija l-Bandiera ta' Malta!". Dan l-inċident jinstab imnaqqax għal dejjem fl-istorja permezz ta' *sketch* impinġi mill-pittur Malti Ġanni Vella li kien attwalment preżenti għal dik il-laqgħa u huwa fil-fatt riprodott ukoll fuq il-karta attwali tal-għaxar liri.

Din l-Assemblea Nazzjonali ltaqgħet fi tliet seduti oħra, ħamsa b'kollox, li matulhom ġie elaborat u approvat abbozz ta' Kostituzzjoni ppreparat mill-Kummissjoni li kienet twaqqfet fi ħdan l-istess Assemblea.

Intant fit-30 ta' April tal-1921 ġiet proklamata Kostituzzjoni ġdida li għad li ma kenitx għalkollox kif ipproponiet u xtaqet l-Assemblea, għal dak iż-żmien kienet pass verament 'il quddiem fil-mixja kostituzzjonali ta' Malta. Kien l-ewwel riżultat effettiv tal-ġrajjiet imdemmija tas-*Sette Giugno*.

Ħadt ftit tat-tul biex nagħti rendikont tal-ħidma ta' din l-Assemblea Nazzjonali għaliex jidhirli li qatt ma ngħatat ġieħ biżżejjed, partikolarment fl-isfond tat-tifkira tas-*Sette Giugno*. Aħna l-Parlamentari u verament il-Maltin u l-Għawdxin kollha għandna dejn kbir lejn dawk li fl-ewwel 20 sena tas-seklu li għadda tant ħadmu biex pajjiżna jimxi 'l quddiem politikament.

Kienu żmenijiet mhux faċli li matulhom ġiet miġġielda gwerra dinjija li ħalliet konsegwenzi kbar, iżda li xegħlet tamiet ta' ħelsien u awtonomija f'ħafna pajjiżi, mhux l-inqas f'Malta. L-avvenimenti tas-*Sette Giugno* mnisslin minn xewqa għal-libertà u għall-progress soċjali taw frott politiku wkoll, kif għadna kemm rajna. Dak li jispikka kemm fis-*Sette Giugno* kif ukoll matul il-laqgħat tal-Assemblea Nazzjonali huwa l-għaqda li kien hemm anke fost dawk li kellhom ideat opposti għal xulxin.

Infatti wieħed jista' liberament jgħid illi l-episodju storiku tal-Assemblea Nazzjonali ħallielna tagħlima siewja li għadha attwali sal-lum. Ikun wisq għaqli jekk il-Parlament Malti jżomm quddiem għajnejh tliet fatturi li kkaratterizzaw il-ħidma tal-Assemblea Nazzjonali. Dawn huma: l-ispirtu patrijottiku profond, l-għaqda sħiħa fost id-delegati u l-maturità qawwija li wrew.

Dan is-sens patrijottiku nissel għaqda sħiħa fejn fil-laqgħat, minkejja d-differenzi mhux żgħar, kien hemm rieda sħiħa li wasslet għal riżultat waħdieni, Kostituzzjoni parlamentari. Id-differenzi kienu jidhru sewwa għax l-ideat ta' kulħadd kienu mperrċa ġmielhom. Iżda minkejja li l-veduti ovvjament kienu 'l bogħod minn identiċi, u waqt li l-prinċipji ma ġewx issagrifikati, l-għaqda finalment irrenjat, tant li kull deċiżjoni effettiva ngħatat b'unanimità.

Immexxijin minn kapijiet ta' kapaċità, id-delegati wrew maturità liema bħalha. Dan kien żmien politikament bikri għad-delegati għaliex il-politika kif nafuha aħna kienet fil-bidu tagħha. Ma kienx għad hemm tradizzjoni politika partiġjana. Is-sistema partitika kienet għadha ma ħaditx forma u għalhekk lanqas tista' tgħid li kien hemm dik id-dixxiplina tal-partit. Kulħadd, biex ngħid hekk, kien għal rasu bl-ideat tiegħu u bl-istil oratoriku tiegħu. Minkejja dan kien hemm tirrenja dik il-maturità li wasslet lill-Assemblea Nazzjonali biex tesprimi ruħha b'mod magħqud.

X'tagħlima qawwija għalina! Patrijottiżmu, għaqda, maturità. Kemm għandna bżonnhom ukoll fiż-żmenijiet tal-lum.

Jekk is-*Sette Giugno* kien il-magħmudija tad-demm għall-emanċipazzjoni kostituzzjonali tagħna, l-Assemblea Nazzjonali kienet ċertament il-konferma tad-dehen u l-għaqal tal-ġenerazzjoni politika ta' dak iż-żmien. Illum bħal dejjem, il-Parlament tagħna, bħall-bqija tal-pajjiż, għandu bżonn ukoll ta' doża qawwija ta' dan id-dehen li bih kienet imżejna Malta ta' 81 sena ilu.

F'din l-istess okkażjoni s-sena li għaddiet kont għamilt sejħa biex ir-relazzjonijiet bejn il-Membri Parlamentari jkunu dejjem tajbin u rispettużi fil-konfront ta' xulxin b'imġiba korretta u b'diskors meqjus li jixhdu maturità u tolleranza kif jixraq u dan għandu jkun l-ambjent f'din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Jiddependi minna biex din l-istituzzjoni tinżamm fl-ogħla livell il-ħin kollu. Ma ninsewx li l-kejl fl-għoli ta' dak il-livell jinsab f'idejna.

F'kuntest usa' ntenni dak li għedt sena ilu li l-Parlament jifforma parti integrali mill-iżvilupp politiku, ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna u jeħtieġ jirreġistra progress billi jaħdem b'pass li jsostni l-mixja 'l quddiem ta' Malta. Is-sejħa li semmejt qabel tista' wkoll tiġi applikata u tiftiehem aħjar jekk nislet frażi mid-diskors tal-predeċessur immedjat tiegħi f'okkażjoni simili għal din, li ċertament mhuwiex desiderabbli li l-Parlament jitmexxa b'xi impożizzjoni tal-maġġoranza u bit-tfixkil tal-minoranza. Trid tingħeleb id-diffidenza li tista' teżisti.

F'dan ir-rigward irrid ngħid li wara x-xewqa espressa ripetutament minn esponenti taż-żewġ naħat tal-Kamra, kif ukoll mill-opinjoni pubblika dwar il-ħtieġa urġenti ta' reviżjoni tal-Ordnijiet Permanenti, bil-għan li din ir-reviżjoni twassal għal andament aħjar tax-xogħol tal-Kamra, jien tlabt lill-ex President tar-Repubblika Ugo Mifsud Bonnici, bniedem rispettat u kompetenti, biex jieħu f'idejh dan l-inkarigu importanti u sensittiv u joħroġ bil-proposti tiegħu.

Sadanittant ix-xogħol tal-Parlament jibqa' għaddej u ta' min isemmi li mill-bidu ta' din il-Leġiżlatura, f'Novembru tal-1998 sal-aħħar ta' Mejju ta' din is-sena l-Parlament iltaqa' 306

darbiet, saru 16,656 interpellanza u l-Kumitati Permanenti f'dan l-istess perijodu ltaqgħu 152 darba.

Imma x-xogħol tal-Parlament ma jikkonsistix biss fil-laqgħat tal-Kamra, iżda wkoll fil-parteċipazzjoni tal-Membri f'diversi laqgħat ta' kumitati barra minn Malta u li l-Parlament tagħna għandu rabta magħhom kif ukoll meta l-Parlament jospita delegazzjonijiet Parlamentari minn barra. Dan hu żvilupp pożittiv fuq livell internazzjonali biex jissaħħu relazzjonijiet interparlamentari li jagħtu lok għad-diplomazija parlamentari li tant qed tevolvi u ssir strumentali bħala għodda politika. Dawn l-esiġenzi ġodda u mhumiex jitolbu li jkun hemm żieda ta' riżorsi biex jilqgħu b'effiċjenza u b'mod professjonali għal dawn l-isfidi. Għaldaqstant tlabt lill-Iskrivan tal-Kamra biex isir eżerċizzju intern ta' riorganizzazzjoni li issa għaddejt lill-awtoritajiet kompetenti ħalli jservi ta' bażi għat-tifsil ta' sistema li għandha sservi l-ħteġijiet tal-lum u ta' għada, speċjalment jekk il-Parlament irid isir awtonomu bħall-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali u dak tal-*Ombudsman*, żewġ uffiċini li joperaw b'mod effettiv u li wassalhom biex jirbħu r-rispett li jistħoqqilhom mill-pubbliku inġenerali.

F'dan l-istadju tajjeb li nsemmi miżuri oħrajn li twettqu matul is-sena biex jiġi faċilitat ix-xogħol tal-Kamra tad-Deputati u tal-Membri nfushom, fosthom il-faċilitajiet fil-qasam tal-informatika. Dawn jinkludu aċċess għad-dokumenti pubblikati mill-Uffiċċju tal-Parlament u aċċess għall-internet u għas-sistema tal-*email* mill-Uffiċċju tal-Membri fil-preċinti tal-Parlament. Saru arranġamenti biex il-Membri jkollhom aċċess għall-faċilitajiet imsemmija anke mir-residenzi tagħhom stess. Dawn il-mezzi saru essenzjali għar-riċerka li jagħmlu d-Deputati biex jippreparaw il-kontribut tagħhom fil-Kamra.

Matul din l-aħħar sena nidejna wkoll il-*website* tal-Parlament li permezz tagħha Membru jista' jkollu aċċess għall-aġenda tas-seduta li jmiss, kif ukoll għall-Minuti, il-mistoqsijiet parlamentari u t-traskrizzjoni tad-dibattiti. Ta' min isemmi wkoll li permezz tal-*website* u tal-*email*, Membri Parlamentari jistgħu jitolbu informazzjoni u din tintbagħtilhom direttament id-dar. Dan is-servizz huwa offrut ukoll lill-uffiċjali fid-diversi Ministeri u lill-membri tal-Istampa.

Naturalment l-aċċess għall-*website* mhuwiex limitat biss għall-Membri Parlamentari u kull min għandu s-servizz tal-internet jista' jżomm ruħu aġġornat b'dak li jkun qed jiġri fil-Parlament.

Nixtieq infakkar ukoll li x-xandir dirett tad-dibattiti Parlamentari fuq stazzjon pubbliku tar-radju mill-PBS qiegħed jitwassal minn dan l-istess stazzjon 'il barra minn xtutna permezz tal-internet, b'hekk l-emigranti Maltin u Għawdxin madwar id-dinja jistgħu jsegwu direttament dak li jkun għaddej fil-Kamra tad-Deputati.

In kwantu ta' ħtieġa ta' spazju fil-Palazz nista' ngħid li issa ġew vakati kmamar li kienu okkupati mid-Direttorat tal-Unjoni Ewropea u għandna naraw kif dawn jistgħu jiġu utilizzati bl-aħjar mod possibbli biex tinħoloq aktar kumdità għat-twettiq tal-ħidma parlamentari.

Wara li semmejt dak li qed isir biex jittejjeb l-operat tal-Parlament, ngħaddi issa biex insemmi l-każ ta' dawk il-Membri Parlamentari li kellhom iċedu l-impjiegi tagħhom meta ġew eletti. F'dan il-każ nista' ngħid li kkummissjonajt rapport għal proposti kif jista' jinstab rimedju u dan ir-rapport mistenni jiġi sottomess sal-aħħar ta' Lulju li ġej. Irrid ngħid ukoll li matul is-sena twaqqfet Assoċjazzjoni tal-ex Membri Parlamentari.

Tajt fuq fuq rendikont ta' dawk il-ħwejjeġ li qegħdin jitwettqu fl-infrastruttura tal-Parlament u għandi għax naħseb li f'dawn l-oqsma qed niġbdu ħabel wieħed bħalma għandu jkun ukoll f'oqsma oħrajn. Il-Membru Parlamentari jagħti hu wkoll xhieda tad-demokrazija u nistqarr b'konvinzjoni li kull Membru ta' naħa u oħra jagħti l-kontribut tiegħu ħafna drabi b'sagrifiċċju mhux żgħir għalih innifsu u għall-familja tiegħu. Dan ukoll għandu jkun apprezzat. L-ingredjenti li jikkoagulaw l-interess nazzjonali jeħżistu fina lkoll, *sta* għalina li nħaddmuhom. U hekk għandna nagħmlu.

Għax mhux sewwa li f'pajjiż ma jgħoddx aktar minn 400,000 għandu jkun hemm firda li f'ħafna każi taqsamna min-nofs. Għaliex għandna niddimezzaw il-forzi tagħna!

Nemmen li hemm bżonn ta' bidla radikali li ġġegħelna nersqu lejn xulxin. Mhux insiru identiċi għax fid-differenza u fid-distinzjoni hemm is-saħħa. Ejja niddakkru ftit mit-tagħlima tad-delegati tal-Assemblea Nazzjonali.

Inħoss li wasal iż-żmien li kull wieħed u waħda minna jinfetaħ għall-ideat, suġġerimenti u kontribut ta' dak li ma jaqbilx miegħu. B'umiltà u b'impenn anke jien irrid ngħin f'dan il-proċess. Bħalma għamlu dawk il-Maltin li laqqgħu u ħaddmu l-Assemblea tal-1919, għandna nkunu lesti biex inċedu dak iċ-ċentimetru biex kollettivament jintrebaħ dak il-kilometru.

Il-ġenerazzjonijiet futuri jafdaw f'idejna dan il-mument storiku biex ngħaqqdu l-isforzi kollettivi tagħna ħalli nilqgħu għall-isfida politika u soċjali tal-lum u ta' għada. Ma nistgħux nistennew lil ħaddieħor jibda hu. Hemm bżonn li kull wieħed minna jieħu l-briga hu.

L-ewwel passi ejja neħduhom aħna l-Parlamentari. Hekk kif qed niltaqgħu f'riġlejn il-monument tas-*Sette Giugno* rridu nwiegħdu lil dawn il-vittmi li isimhom huwa mnaqqax hawn għal dejjem illi aħna m'aħniex se ninsew dak li mietu għalih huma 81 sena ilu.

Bħalma bdejt dan id-diskors nikkwota lil Dun Karm mill-poeżija sabiħa tiegħu "1921 – Lil ħuti l-Maltin nhar l-għoti tal-Kostituzzjoni". Nagħlaq bit-twiddiba lilna lkoll li l-poeta ħallielna fl-istess poeżija:

> Kisser l-għodda tal-għira ġellieda,
>
> Iftaħ qalbek għall-kelma tas-sliem;
>
> Għalenija, m'hemmx iprem mir-rieda,
>
> Iżda mqassma, tintilef fil-kliem.